**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 08

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 18 ta' Novembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 06 u 07

8.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sitt laqgħa u tal-laqgħa Urġenti Nru.07. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

8.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

8.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tas-sitt laqgħa ġew approvati unanimament u fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Diane Abela Penza il-minuti tal-laqgħa urġenti Nru.07 ġew ukoll approvati unanimament.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Traffic Counts ġewwa Triq il-Kbira

Is-Sindku tkellem dwar it-traffic counts li kienu saru fi Triq il-Kbira fi żmien t'Ottubru 2024 propju fl-14 t'Ottubru bejn nofsillejl u sitta ta' filgħodu kien hemm madwar 135 karrozza f'siegħa. Il-ħin ta' filgħodu x'ħin in-nies ikunu sejrin ix-xogħol jibda jiżdied biex jerġa jitnaqqas ftit matul il-ġurnata biex umbagħad jerġa jibda jiżdied mal-ħruġ tat-tfal mill-iskejjel u jibqa' jiżdied meta nies ikun sejrin lura dar mix-xogħol biex eventwalment jibda jitnaqqas aktar ma jsir il-ħin. Is-Sindku kompla jispjega fejn hu għamel eżerċizzju żgħir fejn qabad ir-reġistru elettorali sab it-toroq ta' l-area viċin Triq il-Kbira u ra kemm hemm residenti fejn sab li hemm bejn wieħed u ieħor hemm 800 ruħ. Għalhekk jidher ukoll li l-vetturi li jgħaddu huma l-biċċa l-kbira n-nies li joqgħodu fl-area u għalhekk hija diffiċli għal min issuġerixxa li Triq il-Kbira ssir *pedestrian* għaliex jidher biċ-ċara li tintuża ħafna mir-residenti ta' Ħal Lija stess.

8.3.2 Madum maqlugħ fil-Pavimentrar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni

Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-madum tal-pavimentar ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni ftit l-isfel mill-Każin tal-Labour li qiegħed jiċċaqlaq. Fl-aħħar irnexxilu jsib madum simili ħafna bħalu anke fil-kulur u għalhekk il-ġimgħa dieħla kif ser jiġi l-Perit tal-Kunsill Ħal Lija imur jara x'hemm bżonn ħalli din il-parti tinqala' u ssir tajjeb b'dan il-madum biex insolvu l-problema darba għal dejjem.

8.3.3 Ħinijiet tal-Uffiċċju fi Żmien il-Milied

Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-ftuħ ta' l-uffiċċju fi żmien il-Milied għal din is-sena. Fejn qiegħed jissuġerixxi biex lejliet il-Milied 24 ta' Diċembru u lejliet l-ewwel tas-sena 31 ta' Diċembru 2024 l-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ sa nofsinhar filwaqt li l-għada tal-Milied 26 ta' Diċembru u l-għada ta' l-ewwel tas-sena 2025 l-uffiċċju tal-Kunsill ikun magħluq għall-pubbliku.

8.3.4 Kulħadd qabel unanimament dwar dan.

## 8.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 8.5 Korrispondenza

8.5.1 Ġie preżentat ir-rapport ta' Korrispondenza però ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwaru.

## 8.6 Preparamenti għall-Milied 2024

8.6.1 Is-Sindku kompla jitkellem fuq il-programm tal-Milied għal din is-sena fejn ikkoferma li kif fthemna l-Christmas Market ser isir il-Ġimgħa 13 u s-Sibt 14 ta' Diċembru u li l-preparamenti mexxjin ġmielhom. Huwa kompla jgħid li sab xi Christmas items ukoll biex jinbiegħu fl-stalls, kif ukoll avviċinatu persuna li ser ibiegħ xi presepji tal-Milied fi fliexken tal-ħġieġ u jagħti persentaġġ mill-qliegħ tiegħu lil għaqdiet.

8.6.2 Il-Kunsillier Carl Betts staqsa lis-Sindku kif kien baqa' dwar il-band tal-Milied u hu kkonfermalu li kien kellem lill-Banda San Pio X biex idoqqu xi kanzunetti tal-Milied is-Sibt 14 ta' Diċembru għalhekk is-Sindku għandu jerġa jikkonferma ma' l-għaqda.

8.6.3 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia xtaqet terġa' tipproponi li waqt l-attivita' tat-tqassim tar-rigali minn Mother Christmas jitqassam rigal żgħir lil kull min jieħu sehem f'din l-attivita'. Hija ssuġerit li nistaw nixtru bħal xi rigali żgħar li jikkonsistu f'xi packs ta' stationery u għalhekk issuġġerit li hija iġib kemm jiswew dawn il-packs.

8.6.4 Is-Sindku qabel li is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia għandha tiċċekja kemm jiswew dawn l-items li hi qiegħeda tissuġerixxi u naraw minn hemm.

8.6.5 Is-Sindku kkonferma li l-ikla ta' l-anzjani ser isir l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2024 f'nofsinhar fis-Sala ta' Villa Lija fi Triq il-Kbira għall-prezz ta' €20.00 bħas-sena l-oħra. Kif ukoll bħal kull sena x-xorb u l-waiters ser jitħallsu mill-Kunsill Lokali l-bqija l-ikel jitħallas mir-residenti.

8.6.6 Huwa ikkonferma ukoll li l-ikla ta' l-istaff ser isir is-Sibt 21 ta' Diċembru 2024.

8.6.7 Is-Sindku kompla jikkonferma li l-attivita' ta' Mother Christmas ser issir it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2024 fil-5:00pm u li r-rigali ser jinġabru l-Kunsill sal-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024. L-uniku spiża li għandna f'din l-attivita' huma l-ispejjes tal-karozzin.

8.6.8 Is-Sindku kompla jikkonferma li l-Bibita ser isir il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2024 u li l-preparamenti għalija għaddejin ġmielhom.

## 8.7 Christmas Market 2024

8.7.1 Is-Sindku tkellem fuq il-Christmas Marker fejn qal li l-preparamenti huma kważi konklużi huwa kompla jgħid ukoll li ser isejjaħ laqgħa oħra l-ġimgħa dieħla biex jikkonkludi l-aħħar preparamenti ma' l-għaqdiet.

## 8.8 Festival taċ-Ċitru 2025

8.8.1 Is-Sindku qal ukoll li bdejna l-preparamenti tal-Festival taċ-Ċitru 2025 fejn diġa ordnajna l-kanizatti għal din l-attivita' u kif nikonkludu bil-preparamenti tal-Christmas Market niffukaw fuq din l-attivita'.

## 8.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

8.9.1 <u>Kwotazzjonijiet Dwar Data Protection Officer</u>
Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet dwar id-Data Protection Officer fejn spjegat li wara li ntbagħatu l-emails għall-kwotazzjonijiet lil diversi avukati rċevejna kwotazzzjoni waħda mingħand Iuris Advocates għall-ammont ta' €1,500.00 excluding vat għal sena.

8.9.2 Kulħadd qabel unanimament ma' din il-kwotazzjoni.

8.9.3 <u>Ħruġ ta' Kwotazzjoni – Servizz ta' Avukat</u>
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar li fl-aħħar ta' Diċembru ser jiskadi l-kuntratt tas-servizz ta' l-avukat u għalhekk xtaqet tavża lill-Kunsill Lokali li ser tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni dwar dan.

8.9.4 Kulħadd qabel unanimamet dwar dan.

8.9.5 Talba biex isir kaxxa hassed safra – 15/16 Triq Preziosi

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda talba mingħand resident rigward kaxxa hassed safar quddiem ir-residenza tiegħu minħabba li qiegħed isib problema biex jidħol u joħroġ mid-dar tiegħu fi Triq Preziosi. Is-Sindku kompla jżied li għandna nikkonsultaw mal-ġirien biex jekk jixtiequ niiprovdulhom l-istess faċilita'

8.9.6 Wara li saret diskussjoni kulħadd unanimament qabel li din it-talba tintbagħat lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

8.9.7 Leave tal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda talba tal-ħaddiema klerikali u tagħha stess bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv dwar il-leave tas-sena 2024 biex jiġġeded għas-sena 2025.

- Dorianne Bonnici Bondin – 18 – il siegħa.
- Francesco Scicluna – 18 -il siegħa
- Nicolette Mallia – 51 siegħa

8.9.8 Kulħadd qabel unanimament li dan il-leave jiġġedded għas-sena 2025.

8.9.9 Kwotazzjonijiet dwar l-armar tal-Milied madwar il-Knisja

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet dwar it-tiżjin tal-Milied għall-armar madwar id-dawra tal-knisja fejn alavolja ntbagħtu 4 kwotazzjonijiet lil erbgħa kumpaniji taż-tiżjien l-Kumitat Festi Esterni biss bagħat il-kwotazzjoni tiegħu għall-ammont ta' €2,500.00 li jinkludi:-

- Tiswija, żebgħa u dawl mill-ġdid fuq tlett disinni tal-Milied.
- Armar ta' fustuni u bozoz fi Triq il-Forn, Triq il-Kbira u fi Triq Sir Ugo Mifsud.
- Armar ta' tlett disinji fi triq il-Forn u bozzoz fi triq il-Knisja.

L-applikazzjoni ma' l-Arms għall-kaxxa ta' dawl u l-użu ta' cherry-picker mhumiex inklużi mal-kwotazzjoni.

8.9.10 Is-Sindku spjega ukoll li l-ħlas għal dan it-tiżjin ser jitħallas mill-skema finanzjarja tal-Milied tar-Reġjun Lvant fejn il-Kunsilli Lokali li huma parti minn dan ir-reġjun ser jibbenifikaw sa mhux aktar minn €3,000.00 kull wieħed.

8.9.11 Kulħadd qabel unanimament ma' din il-kwotazzjoni tal-Għaqda Festi Esterni u għalhekk ser nipproċedu biex nibdew narmaw ir-raħal tagħna għall-Milied.

8.9.12 Kwotazzjonijiet dwar l-armar tal-Milied fi Vjal it-Trasfiugrazzjoni

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet dwar it-tiżjin tal-Milied għall-armar ta' dawl ma siġar f'Misraħ it-Trasfigurazzjoni iu fi Vjal it-Trasfigurazzjoni fejn ukoll alavolja ntbagħtu 4 kwotazzjonijiet lil erbgħa kumpaniji taż-tiżjin l-Kumitat Festi Esterni biss bagħat il-kwotazzjoni tiegħu għall-ammont ta' €2,000.00

8.9.13 Is-Sindku spjega ukoll li l-ħlas għal dan it-tiżjin ser jitħallas mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu mill-skema ta' għajnuna għal tiżjin tal-Milied fil-lokalita' fejn il-Kunsill Lokali tagħna ser jibbenefika minn dawn il-fondi għall-ammont ta' €3,000.00.

8.9.14 Kulħadd qabel unanimament ma' din il-kwotazzjoni tal-Għaqda Festi Esterni u għalhekk ukoll ser nipproċedu biex nibdew narmaw din il-parti tar-raħal ukoll.

8.9.15 Kwotazzjonijiet dwar il-Bibita tal-Milied fi 27 ta' Diċembru 2024

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet rigward il-catering service għal din l-okkażżjoni li huma:-

- Barigozzi Catering għall-ammont ta' €955.00
- Neriku Catering għall-ammont ta' €1,744.46
- Maypole Catering għall-ammont ta' €1,521.26

8.9.16 Kulħadd qabel unanimanet li għal din l-okkażżjoni Barigozzi Catering li huwa l-irħas jieħu ħsieb din il-Bibita.

8.9.17 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kompliet taġġorna lill-Kunsill dwar l-ispejjes ta' din l-attivita' fejn ġew ordnati ukoll l-inviti għall-prezz ta' €35.40, kiri tas-sala Villa Lija għall-prezz ta' €100.00 kif ukoll għadna qiegħdin inġibu l-kwotazzjonijiet għax-xorb għall-okkażżjoni.

8.9.18 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv żiedet ukoll rigward it-tiżjin tas-Sala Villa Lija li ser tiġi armata għat-tlett avvenimenti li ser isiru f'dan iż-żmien tal-Milied fejn ukoll alavolja ntbagħtu 4 kwotazzjonijiet lil erbgħa kumpaniji taż-tiżjin is-Sur Jurgen Baldacchino biss bagħat il-kwotazzjoni tiegħu għall-ammont ta' €1,180.00 inkluż il-vat.

8.9.19 Kulħadd qabel unanimament ma' din il-kwotazzjoni.

<u>Spejjes dwar il-Christmas Market 13 u 14 ta' Diċembru 2024</u>

8.9.20 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll dwar l-ispejjes għall-attivita' tal-Christmas Market fejn ser ikollna Bouncy Castle għal jumejn 13 u 14 ta' Diċembru 2024 bejn 10am u 7pm għall-prezz ta' €700.00, Sound system għal jumejn ukoll għall-prezz ta'€324.50, Boiler għal mild wine għall-prezz ta' €250.12, Kanizatti għall-prezz ta' €70.00, Trasport tal-Kanizatti €80.00, Kiri ta' umbrelle fejn għadna qiegħdin inġibu l-prezzijiet, kiri tas-sala Villa Lija għal jumejn €500.00, kif ukoll is-servizz tal-band għall-prezz ta' €500.00 ukoll. Għadna qiegħdin nistennew ukoll il-prezzijiet għal poster u reklamar fuq facebook għal din l-attivita'.

8.9.21 Kulħadd qabel unanimament ma' dawn l-ispejjes dwar il-Christmas Market.

8.9.22 <u>Spejjes dwar l-ikla għall-Anzjani 18.12.24</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda ukoll l-ispejjes dwar l-attivita' tal-ikla ta' l-anzjani ta' 18 ta' Diċembru 2024. Dawn huma l-kiri tas-sala €100.00, rigward il-poster ser nużaw tas-sena l-oħra kemm nibdlu d-data u din is-sena xtrajna ftit tiżjin għall-imwejjed u biex inżejnu ukoll ftit is-sala. Bħas-sena l-oħra ukoll għandna l-ispejjes tax-xorb.

8.9.23 <u>Spejjes dwar l-attivita' ta' Mother Christmas 23.12.24</u>

Id-Deputat tkellmet ukoll dwar l-ispejjes ta' l-attivita' ta' Mother Christmas li bħas-sena ta' qabel kull m'għandna huwa l-ispejjes tal-karozzin.

## 8.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

8.10.1 Qabel ma tressqet għall-approvazzjoni finali din l-iskeda, s-Sindku xtaq jerġa jikkjarifika li l-kont tar-Reġjun tal-ġbir ta' l-iskart domestiku għax-xahar ta' Ottubru 2024 li fih jinkorpora ukoll ġbir ta' skart miċ-ċimiterju, skond kif kien ġie ddikjarat mir-Reġjun stess l-ispiża li għandha x'taqsam mal-ġbir ta' skart taċ-ċimiterju ser titħallas mill-Wasteserv Malta Ltd u kull m'għadd fadal hu li jiffirmaw il-kuntratt u għalhekk l-ammont ta' €424.80 ġie mnaqqs.

8.10.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 11/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €126.21 għax-xahar ta' Ottubru 2024.

8.10.3 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 11/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Carl Betts li kienet issekondatha mill-Minority Leader Lorraine Farrugia Muscia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv lura.

## 8.11 Mozzjonijiet

8.11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 8.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

8.12.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm. Pero kien hemm żewġ applikazzjonijiet waħda PA/07320/24 dwar numru 25, Triq Massimiliano Debono u l-oħra dwar PA/02521/24 Ta' Ġakki Triq in-Naxxar c/w Vjal it-Trasfigurazzjoni fejn ġie ssuġerit mit-town planner tal-Kunsill biex tinkiteb ittra tal-konsultazzjoni lil MEPA dwar dawn iż-żewġ applikazzjonijiet.

8.12.2 Wara li saret diskussjoni mill-Kunsilliera kulħadd qabel unanimament li għandna nibagħtu dawn l-ittri ta' konsultazzjoni lill-MEPA għal dawn iż-żewġ applikazzjonijiet fi żmien stipulat.

## 8.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

8.13.2 Il-Viċi Sindku Donio Cini xtaq jagħti l-feedback tiegħu rigward l-attivita' ta' tour fl-Imdina li saret dan ix-xahar. L-attendenza kienet tajba ħafna u l-kummenti dwar din l-attivita' kienu possitivi ukoll. Ir-residenti esprimew ukoll ix-xewqa li ssir attivita' kulturali oħra bħal din għaliex kienet interessanti ħafna u ta' pjaċir ukoll. Il-Viċi Sindku xtaq iżied ukoll li Tour Leader għamlet dan b'mod volontarjat u ma ħadet l-ebda nominal fee ta'€20.00 għal dan it-tour.

8.13.3 Il-Minority Leader Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tressaq talba biex isiru double yellow lines fi Triq Merino fuq żewġ naħat.

8.13.4 Is-Sindku qal li dik il-parti ta' triq ma jistawx jipparkjaw u li l-vetturi li jipparkjaw hemm qegħdin jipparkjaw ħażin b'konsegwenza li jagħlaq parti mit-triq. Ġie deċiż li għandna nagħmlu t-talba ma' Transport Malta biex isiru il-linji sofor f'din il-parti ta' triq fi Triq Merino.

8.13.5 Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tistaqsi ukoll kif konna bqajna dwar il-plotting tal-parking f'parti mit-triq is-Salvatur.

8.13.6 Hawnhekk is-Sindku spjega kif mill-aħħar laqgħa l'hawn qegħdin jipparkjaw mal-grada tas-Salvatur il-qadim quddiem l-isqaq nru.2 Triq id-Dejqa b'konsegwenza li l-minibuses ta' l-iskola qegħdin isibu diffikulta' biex jgħaddu minn hemm u jiġbru t-tfal u għalhekk is-Sindku qiegħed jissuġerixxi li għandhom isir double yellow line f'din il-parti ta' triq.

8.13.7 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tagħti feedback dwar il-fitness classes li qegħdin sejrin tajjeb ħafna u li l-attendenza hija tajba ukoll minn kull faxxa ta' eta' bejn 16 u 60 sena u anke ftit li għandhom aktar minn 60. Għalhekk jidher li din l-attivita' irnexxit u b'hekk tagħtina l-kuraġġ biex inkomplu norganizzaw aktar attivitajiet bħal dawn.

8.13.8 Is-Sinjura Abela Penza xtaqet ukoll tressaq fuq il-mejda tal-Kunsill xi ilmenti mingħand residenti li avviċinawha rigward is-sitwazzjoni tas-sewqan fi Triq Annibale Preca u f'dik l-area. Hi kompliet iżied li kif kulħadd jaf f'din it-triq u l-madwar hemm xi pick up points fejn ikun hemm l-istudenti jistennew it-trasport ta' l-iskola, jinsab ukoll childcare, hemm skola ukoll fil-viċinanzi u kif ukoll spiżerija.

8.13.9 Is-Sindku qal biex dawn ir-residenti li jixtiequ jgħaddu dawn l-ilmenti u t-talbiet għandhom jiktbu lill-Kunsill Lokali biex umbagħad isir laqgħa magħhom biex naraw x'nistgħu nagħmlu biex nippruvaw insolvu din il-problema għaliex ħafna residenti m'għandhomx garaxx u biex inaqsu l-parkeġġ mit-triq ser nagħqalu aktar problemi u mhiex soluzzjoni għalhkemm is-Sindku kompla jgħid li s-sigurta' tal-pedestrian hija priorita' ukoll. Hu kompla jgħid li din il-problema dwar din it-triq trid tiġi diskussa fl-laqgħat oħra fil-futur.

8.13.10 Il-Kunsillier Carl Betts xtaq jgħid li fi Triq Carmelo Farrugia kif idur għal triq Annibale Preca hemm dlam ċappa u li hemm bżonn li ssir bozza f'din l-area.

8.13.11 Is-Sindku spjega li meta kienet qiegħeda ssir Triq Carmelo Farrugia kien kellem CEO ta' l-Enemalta fejn talbu biex kif qiegħeda ssir it-triq jagħmlu tlett arbli u jgħaddu l-wiring umbagħad il-Kunsill iwaħħal il-bozzoz hu bi spejjes tiegħu. Ir-risposta kienet li m'għandhomx flus biex jagħmlu dan. Is-Sindku qal li ser jerġa' jgħaddi l-proposta tiegħu lill-Ministeru kkonċernat dwar dan.

8.13.12 Il-Viċi Sindku xtaq iżied xi ħaġa ta' l-aħħar dwar il-kaxxex ta' l-ispactions ta' dranaġġ privati fuq il-bankina fl-istess triq li huma għoljin u għalhekk perikolużi.

8.13.13 Hawnhekk is-Sindku qal biex niktbu lil min jieħu ħsieb il-kondominium biex jaraw dwar dawn l-ispactions.

Il-Ħin kien 6:33pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 16 ta’ Diċembru 2024.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Dorianne Bonnici Bondin
Deputat Segretarju Eżekuttiv